# L-Istorja tal-Futbol f'San Pawl il-Baħar

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**

## Saint Paul's Bay Football Team

L-istorja tal-futbol f'San Pawl il-Baħar teħodna lura għas-sena 1934 meta twaqqaf is-Saint Paul's Bay Football Club. Huma affiljaw mal-*Malta Football Association* u ddebuttaw fir-Raba' Diviżjoni fl-10 ta' Ottubru 1934 f'partità kontra r-Rabat Rangers lintemmet bi skor ta' 1-1. Matul l-Istaġun 1934/35 huma lagħbu ħames partiti li minnhom rebħu ħamsa, ġew *draw* darba u tilfu tlieta. Matul l-istaġun skorjaw tliet gowls u sofrew 21. *Saint Paul's Bay FC* spiċċaw fl-aħħar post tal-klassifika bi tliet punti u ma reġgħux ipparteċipaw.

## Saint Paul's Bay United

Fl-1938 twaqqfu s-Saint Paul's United li fid-debutt tagħhom, f'partità ta' ħbiberija, tilfu bl-iskor ta' 7-1 kontra Balzan Youths. Huma affiljaw bħala *Associate Members* fl-MFA u pparteċipaw fl-*Associate Members League* sa l-Istaġun 1948/49. Fl-1949 affiljaw bħala membri fl-MFA u fl-Istaġun 1949/50 ipparteċipaw fit-Tielet Diviżjoni Sezzjoni B. Saint Paul's United lagħbu seba' logħbiet li minnhom rebħu waħda u tilfu sitta, skorjaw żewġ gowls u sofrew sittax. Huma spiċċaw fl-aħħar post u ma reġgħux ipparteċipaw.

Saint Paul's United affijaw fil-*Malta Amateur Football Association* fl-1951 u fl-Istaġun 1957/58 rebħu l-*league* u spiċċaw bħala finalisti fit-tazza tal-MAFA. Saint Paul's United kienu jilagħbu bi flokkijiet bojod, b'faxx aħmar.

Fl-1967, Joe Muscat (id-Debu) u xi dilettanti oħra ffurmaw is-Saint Paul's Bay Football Club. Huma kienu jiltaqgħu fil-klabb tas-Sirens ASC minħabba li kienu wkoll dilettanti tal-*water polo*. It-tim ġie affiljat fil-kampjonat tal-*Minors* ta' l-MFA fejn ipparteċipa u spiċċa biex rebaħ is-sezzjoni. Fl-ewwel logħba tal-*league* tal-*Minors* huma lagħbu kontra Siġġiewi FC u rebħu bl-iskor ta' 4-0. Saint Paul's Bay Football Team ipparteċipaw fl-*Amateur Soccer Cup Competition (ASCC)* fl-Istaġun 1968/69. Id-debutt kien wieħed pożittiv ħafna għax it-tim ta' San Pawl il-Baħar spiċċa fit-tieni post ta' din il-kompetizzjoni.

## Sirens Football Club

Fl-1970, l-MFA ħarġet sejħa għal timijiet li riedu jaffiljaw fit-Tielet Diviżjoni u l-kumitat iddeċieda li japplika. Saret laqgħa bejn delegazzjoni ta' l-MFA u l-kumitat ta' l-SPBFT, fis-Sirens Aquatic Sports Club, u l-applikazzjoni ġiet aċċettata. It-tim bidel ismu għal Sirens Football Team u ġie affiljat ma' l-MFA għall-Istaġun 1970/71. L-ewwel logħba ntlagħbet nhar l-10 ta' Ottubru 1970, ġewwa l-grawnd ta' Pacegrasso. Id-

debutt kien wieħed pożittiv għax is-Sirens FT għelbu lit-tim ta' Kirkop United bl-iskor ta' 2-0. L-interess kompla jikber, tant li l-kumitat tħabat biex jixtri l-post numru 61, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar sabiex isir is-sede tiegħu. Il-każin kien inawgurat uffiċjalment mill-Ministru tal-Kultura u l-Edukazzjoni – l-Onor. Agatha Barbara, fid-29 ta' Jannar 1972. F'dik is-sena l-kumitat għażel il-motto *Per Astra Ad Aspra* (li jfisser – biex tikseb suċċess trid taħdem għalih). Fl-1972 l-isem tat-tim inbidel minn Sirens Football Team għal Sirens Football Club, minħabba li issa l-klabb kellu s-sede tiegħu.

Fil-lokalità bdiet tinħass li jkun hemm grawnd u saru diversi petizzjonijiet f'dan is-sens. Din ix-xewqa saret realtà meta fit-22 ta' Novembru 1981, l-Onor. Ministru Lorry Sant inawgura l-grawnd u l-*premises* ta' Triq il-Wileġ. Sa l-1981 id-*dressing room* tat-tim kienu fil-kantina tal-każin f'61 Triq San Pawl imma issa l-klabb kellu l-faċilità ta' grawnd għat-*training* u *dressing rooms*. Matul is-snin is-Sirens FC qatt ma naqsu li jpparteċipaw fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-MFA u kisbu dawn l-unuri:

| **Unur** | **Staġun** |
|---|---|
| Minors Sezzjoni | 1967/68 |
| Tielet Diviżjoni Sezzjoni | 1972/73 |
| Reserves Sezzjoni | 1972/73 |
| Tazza Tielet Diviżjoni | 1973/74 |
| Sons of Malta Cup | 1974/75 |
| Tielet Diviżjoni | 1976/77 |
| Tielet Diviżjoni Sezzjoni | 1979/80 |
| Tazza Dr. J. Mifsud | 1982/83 |
| Reserves Sezzjoni | 1982/83 |
| Reserves Sezzjoni | 1986/87 |
| Tielet Diviżjoni | 1988/89 |
| Tielet Diviżjoni Top Scorers (Patrick Zammit – Mario Gauci) | 1988/89 |
| Tazza II/III Diviżjoni (Runners Up) | 1992/93 |
| YFA U14 | 1996/97 |
| Tielet Diviżjoni Top Scorer (Adrian Paul Galea) | 1999/00 |
| Tielet Diviżjoni Top Scorer (Adrian Paul Galea) | 2001/02 |
| Tazza II/III Diviżjoni (Runners Up) | 2002/2003 |

## Nursery

Is-Sirens Football Nursery twaqqfet fl-1987 bil-ħidma tas-Sur Anthony Micallef u hi affiljata mal-*Youth Football Association*. In-*nursery* tipparteċipa f'kompetizzjonijiet organizzati mill-YFA, kif ukoll togranizza *tournaments*.

Qabel l-1987, Fra Ludovico Busuttil kien jiġbor xi tfal u organizza forma ta' taħriġ għat-tfal li kien isir is-Sibt filgħodu.

L-ewwel forma ta' *league* organizzat għaż-żgħażagħ f'San Pawl il-Baħar sar fl-1970. Is-Sur Joe Micallef ħareġ bl-idea li jsir *league* tas-*7-a-side* u sab l-għajnuna tas-Sur L. Wettinger. Il-*league* ssemma *Moses Cup* minħabba li s-Sur Mosè Fenech kien irregala t-trofej għal din il-kompetizzjoni, liema trofej kienu ġew esebiti fil-vetrina ta' Johnstore. Fl-ewwel edizzjoni ta' dan il-*league* pparteċipawl sitt timijiet li kienu Erba' Mwieżeb, Hell Devils, Veccia, Burmarrad, Jamuka Vipers u Saint Paul's Central. L-organizzaturi talbu permess sabiex jużaw il-grawnd ta' l-iskola primarja, imma għal xi raġuni dan il-permess ma ngħatax, għalhekk il-plejers kien ikollhom jaqbżu r-reċint ta' l-iskola biex jilagħbu. Biex il-kompetizzjoni tingħata bixra aktar serja, ġie ffurmat kumitat li fih kien hemm żewġ rappreżentanti ta' kull tim.

L-ewwel logħba ntlagħbet fit-13 ta' Settembru 1970, fis-2.00pm, bejn Saint Paul's Central u Hell Devils, bl-ewwel tim jirbaħ bl-iskor ta' 6-0. Darmanin skorja l-ewwel gowl f'dan il-*league*. Il-kompetizzjoni spiċċat f'Marzu 1971 u ntrebħet minn Jamuca Vipers bi 13-il punt, bit-tim tal-Veċċa jispiċċa fit-tieni post bi 12-il punt. Burmarrad kienu ħarġu mill-kompetizzjoni qabel intemmet l-ewwel fażi.

L-akbar numru ta' gowls f'partità waħda skorjahom John Deguara ta' Burmarrad (11).

Fl-4 ta' April 1971 ġiet organizzata kompetizzjoni fuq bażi ta' *Knock-Out* li pparteċipaw fiha t-timijiet li ħadu sehem fil-*league* u żewġ timijiet ġodda li kienu *Golden Eagles* u Qawra Wild Bunch. Il-finali ntlagħbet bejn Jamuca Vipers u Golden Eagles, bl-ewwel tim joħroġ rebbieħ bl-iskor ta' 6-4. Joe Muscat (Erba' Mwieżeb) spiċċa bħala l-aktar plejer li skorja (16-il gowl). It-trofej tqassmu matul festin li sar fid-19 ta' April 1971.

Fl-1971, Joe Muscat (Id-Debu) organizza *Under 16 Distric League*. Dan kien immirat għal tfal li joqogħdu f'San Pawl il-Baħar, Għajn Tuffieħa, l-Imbordin, Wardija, Xemxija, Burmarrad u Qawra. Ġew iffurmati ħames timijiet li kienu Xemxija United, Sirens, Hotspurs, Burmarrad u Grasshoppers. Sfrotunatament dan il-*league* waqaf ħesrem minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni.

Dan ma qatax qalb l-organizzaturi għax fl-1972 dan il-*league* reġa' ġie organizzat. Sar xi tibdil fis-sens li plejers li kienu qed jieħdu sehem fl-*MFA Minors & Reserves League* u fil-*league* tas-*7-a-side* li ssemma' qabel, ma setgħux jipparteċipaw. Il-*league* beda fil-5 ta' Marzu 1972 fil-grawnd ta' l-iskola primarja u ħafna mil-logħob kien isir il-Ħadd. Is-Sur George Gatt irregala t-tazza prinċipali, filwaqt li s-Sur Paul Gauci rregala t-tazza tan-*Knock-Out*. It-tazzi tal-*Footballer of the Year* u tat-*Top Scorer* ġew irregalati mis-Sirens Supporters Committee u kien hemm ukoll xi tazzi oħra li ġew irregalati mill-Onor. Carm Lino Spiteri MP u s-Sur Mosè Fenech. Xemxija United rebħu l-*league* li sar fl-1972.

*7-a-side leagues* ġew organizzati fis-snin 2000 u 2001 mis-Sirens FC flimkien mal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.


REGENT DISCOUNT




SELF SERVICE
MOSTA ROAD
St. Paul's Bay SPB 07
Tel: 21 571830
E-mail: regent@waldonet.net.mt
For Your Daily Shopping